MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2008

Numru. 486/2000

IL-PULIZIJA

(Spettur Angelo Caruana)

vs

Joseph Taliana
Omissis

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Joseph Taliana ta' 23 sena iben il-mejjet Saviour u Filippa nee' Galea mwieled Pieta' nhar it-8 ta' Jannar 1977 u residenti Blokk G, Flat 5, Triq Ingwanez, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita' numru 35178(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fl-20 ta' Mejju, 2000, u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, f' Malta xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehudha b' qerq jew akkwistati b' reat sew jekk dan sar f' Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b' kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 6 ta' Lulju 2000 (esebit a fol. 5 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2000 l-imputat Joseph Taliana wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat il-verbal taghha tal-11 ta' Dicembru 2005 li permezz tieghu fuq talba tal-Prosekuzzjoni l-Qorti ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju fis-sens illi l-kaz fil-konfronti ta' Joseph Zammit jigi trattat u gudikat separatament mill-kaz tal-imputati l-ohrajn u rat id-digriet taghha fejn laqghet din it-talba u ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju f'dan is-sens u b'hekk il-kawza tkompliet separatament fil-konfronti tal-imputati

Rat li fis-seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2008 l-Qorti fuq talba tal-Prosekuzzjoni ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju fis-sens illi l-kaz ta' l-imputat Joseph Taliana jigi trattat u gudikat separatament mill-kaz tal-imputat l-iehor.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat Joseph Taliana ghall-akkuza migjuba kif registrata fis-seduta tal-4 ta' Dicembru, 2008.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat Joseph Taliana wiegeb li huwa hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat Joseph Taliana, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta tal-imputat (esebita *a folio* 35 tal-process).

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati ta’ l-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sentejn (2) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------